**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Godwin Mizzi**

Numru 31/2014

Illum 22 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Godwin Mizzi,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Rinaldo u Helen nee' Axiaq, imwieled ir-Rabat Ghawdex, nhar it-3 ta' Lulju 1989, residenti fil-fond numru 61, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 33789G, akkuzat talli nhar is-16 ta' Frar 2014 gewwa l-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, kif ukoll fix-Xaghra, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, hekk ghall-habta tal-16.30hrs;

1. Sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu

minn road licence bin-numru K090249 irregistrat fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAW819 fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Austin Mini;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xorta ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur u cioe' ghamel uzu minn numri tar-registrazzjoni EAW819 fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Austin Mini;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq fi triq pubblika mutur tal-ghamla Austin Mini minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni;

4. U aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal zmien sena.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (Dok. "C").

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan ilkaz jigi trattat bi procedura sommarja (a fol. 18).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (a fol.12)

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 (a fol.12), l-imputat wiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015 l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu dan anke wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni rigward l-imputazzjoni numru tlieta (3) u l-prosekuzzjoni stiednet lill-Qorti biex ma tiehux konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni ghaliex qeghda tkun irtirata.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u id-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplici. L-imputat ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni EAW819 fuq vettura Austin Mini, liema vettura kienet iggaraxxjata. L-imputat ghandu madwar tletin Austin Mini li huma kollha iggaraxxjati hlief wahda li hija dik bin-numru EAW819. L-imputat spjega li din il-vettura kellha l-hsara, u minhabba emergenza li kellu u spicca bla vettura, kellu bzonn johrog u allura uza vettura li kienet iggaraxxjata xi ghaxar xhur qabel il-kaz u fuqha wahhal in-numru EAW819 tal-vettura li zviluppatilha l-hsara u anke uza l-licenzja tal-istess vettura.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**Artikolu 3(3) tal-Kap. 104**

Id-difiza sostniet li imputazzjoni numru tlieta (3) hi preskritta ghaliex in-notifika tat-tahrika kienet inghatat fid-dar fejn jghix missier l-imputat, liema indirizz kien inghata lill-pulizija waqt l-interrogazzjoni mil-imputat. Id-difiza esebit kopji tal-karta tal-identita' u sostniet li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur meta l-imputat ta ruhu notifikat waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2015. Il-prosekuzzjoni sostniet li dakinnhar li missieru accetta t-tahrika ta' ibnu kienet interrotta l-preskrizzjoni.

L-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 jipprovdi kif ġej:

*" Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir -*

*(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*

*(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal."*

Dwar dawn it-termini stabbiliti f'dan l-artikolu il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza tagħha fil-kawża Il-**Pulizija v Carmelo Cassar**[1] ġia stabbiliet li l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju tal-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u b'hekk, anki wara li jkunu

[1] App. Krim. 8/1/1957, XLI.iv.1214

bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit. Ġie wkoll ritenut f'dik is-sentenza li l-artikolu 3(1) imsemmi jidderoga għat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali, fuq il-preskrizzjoni, limitatament għall-istadju li jirrigwarda l-inizju tal-azzjoni kriminali, u mhux għal dak tal-kors tal-istess azzjoni b'tali mod li ż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, wara l-inizju tal-proċediment baqa' regolat bl-artikolu 683 - illum 688 - tal-Kodiċi Kriminali.

Jidher li ma hux kontestat li t-terminu ta' preskrizzjoni li jolqot l-inizju tal-azzjoni kriminali f'dan il-każ huwa dak previst fil-paragrafu (a) tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 u ċioe dak ta' sitt xhur, anki fid-dawl ta' dak li ġie ritenut fis- sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet Il-**Pulizija v Karl Bonnici**[2].

Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża.

Il-Qorti studjat sewwa zewg riferti esebiti f'dan il-process li jinsabu *a fol. 5* u *a fol. 7*. Fir-riferta *a fol. 5* hemm imnizzel b'linka hamra li din ghandha titqassam qabel il-15 ta' Awwissu 2014. Indikazzjoni cara li l-ufficjal prosekutur kien konxju li jekk l-imputat ma jkunx notifikat fi zmien sitt xhur allura l-kaz fejn jidhol nuqqas ta' polza ta' assigurazzjoni

[2] App. Krim. 4/6/2008

kien se jkun preskritt. Fl-istess riferta hemm numru ta' dati meta sar tentattiv biex l-imputat ikun notifikat, f'zewg okkazzjonijiet missieru kien irrifjuta t-tahrika bl-ufficjal tal-pulizija sat-22 ta' Ottubru 2014 jnizzel "*no reply*", ghalhekk kollox jindika li sa dakinnhar l-imputat ma kienx notifikat.

Fin-notifika li hemm esebita *a fol. 7* hemm dikjarazzjoni li saret in-notifika u dan billi nghatat lil missieru. Dakinnhar missieru accetta l-avviz kuntrarju ta' dak li kien ghamel fl-4 ta' Gunju 2014 u fis-7 ta' Awwissu 2014.

Għalhekk, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-inizzju tal-azzjoni previst fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern gie interrott biss bin-notifika tal-istess taħrika lill-imputat fit-18 ta' Ottubru 2014 (riferta *a fol. 7*) u ċioe' aktar minn sitt xhur mid-data li fih sar ir-reat allegat. L-azzjoni kriminali għar-reat bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 fit-tielet imputazzoni fit-taħrika hija għalhekk preskritta.

**Ir-ricediva**

Illi permezz tal-ahhar imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat sentenza **Il-Pulizija (Sp. Frank A. Tabone) vs Godwin Mizzi**, *(a fol. 16 et seq.)* deciza fit-3 ta' Novembr 2009 permezz ta' liema l-imputat kien ikkundannat ihallas multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2400) u dan wara li l-imputat instab hati dwar akkuzi marbuta ma' incident tat-

traffiku fit-13 ta' Awwissu 2008 fi Triq Vvjal it-8 ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija vs Theodosius sive Dennis Baldacchino et** tas-7 ta' Jannar, 2010 moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono tratta b'mod estensiv dwar dan:

> **"Din il-Qorti kienet ghamlet riferenza ghall-awturi Taljani w senjatament ghall-MANZINI w il-BORGHESE.**
>
> **Il-MANZINI (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :**
>
> ***"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l'obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando la recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata."***
>
> ***"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse***

*applicato l'aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"*

**Il-BORGHESE - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li :**

*"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna.* **(Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234) u jkompli jghid :**

*"...Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali ...."*

**Din il-Qorti kienet irriteniet li s-soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat, din tkun riedet giet kontestata lill-akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f'xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il-htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal-piena meta tkun**

**qed tikkonsidra xi diminuzioni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-process (fols. 3 u 4) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal-appellat Theodosius Baldacchino proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reat ammess minnu f' din il- kawza kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' delitt relatat mal-ligijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-20 ta' Jannar, 2004, kif fuq inghid.**

**Ghalhekk f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta' Abela, meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il-korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.**

**Din il-Qorti thoss li ghandha terga' temfasizza illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w**

**proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza lill-appellat Theodosius Baldacchino."**[3]

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, *wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor*. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront tal-imputat recidiv tista' tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l- imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

[3] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 384/2009

*Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena moghtija f'sentenza sospiza meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun giet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

*Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat liehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet tal-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura.*

Illi ghalhekk sentenza sospiza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta' l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

Ghalhekk il-Qorti meta se taghti l-piena taghha se tiehu kont dan kollu, l-aktar dak li jghallem l-Imhallef Joe Galea Debono u jkun hemm awment fil-piena imposta ghall-imputazzjoni li l-imputat se jinstab hati taghha u dan anke wara li se tittiehed inkonsiderazzjoni l-piena moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Il-**Pulizija vs Alan Axiak**[4] deciza fis-17 ta' Jannar 2014 mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri.

[4] App. Krim. 70/2013

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha

Illi jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni hi preskritta.

Illi ir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputat irregistra ammissjoni u allura qieghed jinstab hati taghha.

Illi rigward ir-raba' imputazzjoni anke b'referenza ghal dak spjegat aktar 'l fuq dwar ir-ricediva, l-Qorti se tiehu inkonsiderazzjoni ta' dan meta tinfliggi l-piena dwar it-tieni imputazzjoni.

Illi, ghar-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif dedotta fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015 ghall-imputazzjoni indikata fl-istess seduta u ghal liema l-imputat qieghed jinstab hati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, wara li rat Artikoli 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3(3)a tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' Artikoli 49, 50 tal-Kap ( tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah multa komplessiva ta' tmien mitt Euro (€800).

______________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**